# It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu

**Solennità – Quddiesa ta' Binhar**

## Qari I

*Raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.*

Is 52, 7-10

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

7 Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji
r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara, ta' min ixandar is-sliem,
ta' min iħabbar ir-riżq, ta' min ixandar is-salvazzjoni,
8 u jgħid lil Sijon: «Alla tiegħek isaltan.»

Ismagħha l-għajta!
L-għassiesa tiegħek għollew leħenhom,
lkoll flimkien jgħajtu bil-ferħ,
għax raw b'għajnejhom lill-Mulej rieġa' lura f'Sijon.

9 Intom, ħerbiet ta' Ġerusalemm,
għajtu lkoll bil-ferħ,
għax farraġ il-Mulej il-poplu tiegħu,
feda lil Ġerusalemm.

10 Kixef il-Mulej id-driegħ tiegħu qaddis,
quddiem il-ġnus kollha,
u raw it-truf kollha tal-art
is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 97 (98), 1.2-3ab.3ċd-4.5-6

R/. (3ċ): Raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna

1 Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
għax għamel ħwejjeġ tal-għaġeb.
Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu,
u d-driegħ imqaddes tiegħu. R/.

2 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu.
3 Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu
mal-poplu ta' Iżrael. R/.

3 L-art kollha, minn tarf għall-ieħor,
rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
4 Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
infexxu fil-hena, ifirħu u għannu! R/.

5 Għannu lill-Mulej biċ-ċetra,
biċ-ċetra u bil-ħlewwa tal-għana,
6 bit-trombi u bid-daqq tat-trumbetti;
għajtu bil-ferħ quddiem il-Mulej is-sultan! R/.

# Qari II

*Alla kellimna permezz ta' Ibnu.*

Lhud 1, 1-6

**Bidu tal-Ittra lil-Lhud**

[1]Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna
manjieri permezz tal-profeti. [2]Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa
kellimna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih
ukoll għamel il-ħolqien.

[3]Hu, l-Iben, li hu d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha tal-essenza tiegħu, u li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu, wara li naddafna minn dnubietna, qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta' Alla
fl-għoli tas-smewwiet, [4]u b'hekk sar daqshekk aqwa mill-anġli
daqskemm ogħla minn tagħhom hu l-isem li kiseb.

[5]Għax lil min mill-anġli qatt qal Alla: «Inti ibni, jiena llum nissiltek!»?
Jew: «Jiena nkun missieru, u hu jkun ibni!»? [6]Imbagħad, hu u jdaħħal
lil Ibnu l-Kbir fid-dinja, jgħid ukoll: «Ħa jqimuh l-anġli kollha ta'
Alla.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jum imqaddes feġġ għalina: ejjew, ġnus, qimu l-Mulej:
għax illum fuq l-art niżel dawl kbir.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna.*

Ġw 1, 1-18

## ✠ Bidu tal-Evanġelju skont San Ġwann

1 Fil-bidu kien il-Verb,
u l-Verb kien ma’ Alla,
u l-Verb kien Alla.

2 Hu kien fil-bidu ma’ Alla.
3 Kollox bih sar,
u xejn ma sar mingħajru;
kull ma sar 4 kellu l-ħajja fih,
u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.
5 Id-dawl jiddi fid-dlam,
imma d-dlam ma għelbux.

6 Kien hemm raġel mibgħut minn Alla,
jismu Ġwanni.
7 Dan ġie bħala xhud,
biex jixhed għad-dawl,
biex bih kulħadd jemmen.
8 Ġwanni ma kienx id-dawl,
imma ġie biex jixhed għad-dawl,
9 dak id-dawl veru,
li jdawwal kull bniedem,
huwa u ġej fid-dinja.
10 Kien fid-dinja,
u d-dinja saret bih,
imma d-dinja ma għarfitux.
11 Ġie f’daru,
u niesu ma laqgħuhx.

12 Imma lil dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla,
dawk li jemmnu f'ismu,
13 li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem,
u anqas mir-rieda tal-bnedmin, iżda minn Alla.

14 U l-Verb sar bniedem u għammar fostna,
u aħna rajna l-glorja tiegħu,
il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni,
mimli bil-grazzja u l-verità.

15 Ġwanni ta xhieda fuqu
meta għajjat u qal:
«Dan hu li għalih għedtilkom:
Jiġi warajja, imma hu aqwa minni,
għax kien minn qabli.»

16 Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna,
grazzja fuq grazzja.
17 Alla ta l-Liġi permezz ta' Mosè
imma l-grazzja u l-verità
seħħu permezz ta' Ġesù Kristu.

18 Lil Alla għadu ħadd ma rah;
imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla,
li hu fi ħdan il-Missier.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

## Evanġelju

***Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna.***

Ġw 1, 1-5.9-14

**✠ Bidu tal-Evanġelju skont San Ġwann**

[1]Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma’ Alla,
u l-Verb kien Alla.
[2]Hu kien fil-bidu ma’ Alla.
[3]Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru;
kull ma sar [4]kellu l-ħajja fih,
u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.
[5]Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux.

[9]Kien id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem,
huwa u ġej fid-dinja.
[10]Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih,
imma d-dinja ma għarfitux.
[11]Ġie f’daru, u niesu ma laqgħuhx.
[12]Imma lil dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla,
dawk li jemmnu f’ismu,
[13]li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem,
u anqas mir-rieda tal-bnedmin, iżda minn Alla.

[14]U l-Verb sar bniedem u għammar fostna,
u aħna rajna l-glorja tiegħu,
il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni,
mimli bil-grazzja u l-verità.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu